MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' April, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1195/2002

**Suzanne Ellul Vincenti.**

**-vs-**

**Catherine u Saviour ahwa Zammit.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-25 t' Ottubru, 2002 li permezz tieghu l-attrici ppremettiet:

Illi l-kontendenti huma sidien inkomun fi kwoti dizugwali tal-

art formanti parti mill-art imsejha ‘Tal-Kappara’ indikata bhala Plot 5 fil-pjanta annessa Dok A, tal-kejl ta’ cirka elf, tlett mija u erbghin punt sebgha tmienja metri kwadri (1340.78 m2).

Illi l-attrici ma tixtieqx tibqa’ aktar inkomunjoni mal-konvenuti.

Illi ghalkemm interpellati biex jiddividu l-art in komun, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tordna d-divizzjoni tal-art in komun b’ mod illi l-kontendenti ma jibqghux aktar in komun bejniethom.

2. Tinnomina perit ghal dan l-effett.

3. Tinnomina nutar biex jircievi l-atti ta’ divizzjoni relattiv fid-data, hin u lok li tiffissa din il-Qorti u tinnomina kuraturi biex jirraprezentaw il-kontumaci.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat d-dikjarazzjoni ta’ l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet pprezentata fis-6 ta’ Jannar, 2003 li permezz taghha l-konvenuti eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici huma legalment imporonibbli u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici, stante illi l-porzjon ta’ art *de quo* tifforma parti mill-eredita’ ferm aktar ampja tal-mejtin Francesco u Paolina konjugi Zammit, illi ghadha sal-lum appartenenti *pro indiviso* mhux biss lill-kontendenti izda wkoll lill-eredi l-ohra ta’ l-imsemmija konjugi Zammit, b’dan illi effetivament ma tista’ ssir l-ebda divizjoni ta’ effett wiehed biss mill-*universitas* ta’ beni formanti parti mill-eredita’ msemmija, kif tippretendi l-attrici.

2. Illi ulterjorment, jirrizulta illi l-beni l-ohra formanti parti mill-eredita’ tal-mejtin konjugi Zammit jistghu jimpingu fuq id-divizjoni tal-proprjeta’ mertu tal-proceduri odjerni, b’dan illi effettivament, ma tistax issir id-divizjoni obbligatorja tal-proprjeta’ *de quo* separatament mid-divizjoni tal-beni l-ohra formanti parti mill-eredita’ msemmija, illi jkunu jinvolvu mhux biss lill-kontendenti odjerni izda wkoll lill-eredi l-ohra kollha tal-konjugi Francesco u Paolina Zammit, u ghalhekk, f’dan ir-rigward it-talbiet attrici kif proposti ma jistghu qatt jintlaqghu in mancanza tat-talba ghad-divizjoni ta’ l-assi ereditarji l-ohra kollha, u, fi kwalunkwe kaz, anke kieku kien hemm tali talba, il-gudizzju fil-proceduri odjerni lanqas ma huwa integru;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, qed tigi eccepita n-nullita’ tal-kuntratti, ilkoll fl-atti tan-Nutar Dottor J.S. Henry Saydon, datati 19 ta’ Gunju 1997, 27 ta’ Gunju 1997, 30 ta’ Ottubru 1997 u 12 ta’ Dicembru 1997 rispettivament illi permezz taghhom l-attrici pprezentat ruhha illi qed takkwista ishma indivizi mill-proprjeta’ maghrufa bhala “tal-Kappara” u indikata bhala Plot numru hamsa (5) fi-pjanta annessa ma’ l-Att tac-Citazzjoni u mmarkata bhala Dok. A, u dan stante illi l-kuntratti msemmija kienu jirrigwardaw **it-trasferiment ta’ sehem indiviz ta’ effett wiehed biss formanti parti mill-imsemmi *universitas* ta’ l-eredita’ tal-konjugi Francesco u Paolina Zammit** – trasferiment li huwa legalment inattendibbli, anke stante illi effettivament jikkostitwixxi trasferiment ta’ proprjeta’ illi potenzjalment kienet tappartjeni lill-eccipjenti;

4. Illi assolutament minghajr pregudizzju ghall-premess, il-proprjeta’ msemmija fic-Citazzjoni odjerna, mhix komodament divizibbli skond il-Ligi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Jannar 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat l-atti processwali kollha;

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm l-eccezzjonijiet preliminari huma tlieta, dawn kollha jimpernjaw fuq il-fatt illi l-art qed tintalab il-qasma taghha gejja minn wirt li tieghu il-partijiet kollha kellhom sehem. Gara pero’ illi permezz ta’ att pubblikat minn Nutar Joseph Saydon fid-29 ta’ Frar 1996 il-partijiet qasmu il-wirt izda hallew in komun l-art in kwistjoni. Sussegwentement l-atturi xtraw porzjonijiet ohra mill-art li thalliet komuni u billi il-konvenuti baqghalhom l-ishma taghhom qed tintalab id-divizjoni taghha.

L-ewwel eccezzjoni hija fis-sens li l-azzjoni hija impronibbli ghaliex il-porzjon art in kwistjoni tifforma parti minn eredita’ iktar ampja tal-mejtin Francesco u Paolina Zammit. Ghalhekk qed isostnu il-konvenuti, ma tistax issir divizjoni ta’ effett wiehed biss mill-eredita’ imsemmija. Dwar dan il-Qorti taqbel perfettament, izda il-konvenuti mhumiex qed jghidu f’din l-eccezzjoni illi fil-fatt l-art KIENET tifforma parti minn din l-eredita’ u issa definittivament ma ghadiex. Infatti permezz tal-kuntratt tad-29 ta’ Frar 1996 fuq imsemmi. Il-partijiet, wara li qasmu diversi propjetajiet iddikjaraw illi:

*Ghad fadal in komun bejnithom porzjon divisa mill-ghalqa Tal-Kapparra fil-limiti tal-Gzira liema porzjoni hija indikata bhala plot numru hamsa.*

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti din l-eccezzjoni ghandha tigi respinta ghaliex l-art ma ghadiex tifforma parti minn eredita’ iktar ampja izda baqghet wahedha in komun bejn il-partijiet ghal dik id-divizjoni.

Ghall-istess raguni anke t-tieni eccezzjoni ghandha tigi respinta ghaliex mhux korrett illi jinghad illi hemm partijiet ohra li jistghu ikollhom interess jew jiddahhlu fil-vertenza.

Rigward it-tielet eccezzjoni il-Qorti taqbel li ma jistax isir bejgh ta’ sehem indiviz ta’ propjeta’ wahda li tifforma parti minn eredita’ izda f’dan il-kaz il-bejgh kien ta’ sehem indiviz ta’ propjeta’ *sic et sempliciter*. L-eredita’ *ut sic* ma baqghetx tezisti wara d-divizjoni tal-1996. Il-Qorti ma taqbilx mal-atturi li kien hemm bzonn issir kawza mill-konvenuti f’dan is-sens ghal-diversi tagunijiet, li din il-Qorti kif preseduta gia indikat fis-sentenza taghha fil-kawza “*Dr. Hugh Peralta nomine vs Credinvest*” moghtija fit-30 ta’ Jannar 2004 Citazzjoni numru 1643/01.

Ma dan kollu l-Qorti taqbel li l-eccezzjoni mhijiex fondata.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tirrespingi l-ewwel eccezzjonijiet tal-konvenuti u tordna li l-kawza titkompla.**

**Spejjes riservati ghall-gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------